MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 1009/2009

Khalil Samir Rezk **GADALLA** u Fawżija Gad Iskander Massak

vs

**ID-DIRETTUR TAĊ-ĊITTADINANZA U *EXPATRIATES*** u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-22 ta' Ottubru, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (i) issib li l-avviż mibgħut lilhom mid-Direttur imħarrek fl-24 ta' April, 2009, biex iħallu Malta ma jiswiex u dan għaliex jikser l-artikolu 469A(1)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ii) tordna lill-imħarrkin

jagħmlu kulma titlob il-liġi biex jirregolarizżaw il-qagħda tal-atturi f'Malta. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Ottubru, 2009, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fis-16 ta' Novembru, 2009, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, eċċepew li (i) l-imħarrek Avukat Ġenerali ma messux tħarrek f'din il-kawża għax m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi, u (ii) li l-istess imsemmija azzjoni waqgħet għall-finijiet tal-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12, billi tressqet wara ż-żmien mogħti mil-liġi u dan billi l-avviż intbagħat lill-atturi f'Settembru tal-2008 u mhux f'April tal-2009, kif jallegaw. Fil-mertu laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa għaliex l-atturi, bħala ċittadini ta' pajjiż terz, jistgħu joqogħdu f'Malta biss għal skop speċifiku, liema skop "huwa karenti fil-każ odjern". Minbarra dan, l-imħarrek dejjem mexa kif trid il-liġi u fil-qafas tas-setgħat mogħtijin lilu bil-liġi. It-tieni talba attriċi tmur lil hinn mis-setgħat li din il-Qorti għandha biex tistħarreġ l-għamil amministrativ, u għalhekk ma tistax tintlaqa';

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Ottubru, 2010, li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet miktuba tagħhom dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-28 ta' Ottubru, 2010[1], dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

[1] Paġġ. 78 – 81 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Jannar, 2011[2], li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari, iżda tat lill-atturi l-fakulta' li jressqu nota bis-sottomissjonijiet tagħhom sad-9 ta' Frar, 2011;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fid-9 ta' Frar, 2011[3], bi tweġiba għal dik imressqa mill-imħarrkin;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-atturi jridu li din il-Qorti tistħarreġ – għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta – id-deċiżjoni tad-Direttur imħarrek li jitlobhom jitilqu minn Malta għaliex ma hemmx raġuni għalfejn huma jibqgħu hawn Malta b'soġġorn fit-tul. Jgħidu li dik id-deċiżjoni ma tiswiex għaliex kienet *ultra vires* minħabba li twettqet minn awtorita' pubblika li ma kenitx mogħtija s-setgħa li twettaqha jew għaliex dik l-awtorita' naqset li tħares il-prinċipji ta' ħaqq naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għamil impunjat jew fid-deliberazzjonijiet li wasslu għat-teħid ta' dik id-deċiżjoni;

Illi l-imħarrkin laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet, kemm ta' xejra preliminari u kif ukoll fil-mertu. Tnejn kienu l-eċċezzjonijiet ta' sura preliminari: (a) li l-imħarrek Avukat Ġenerali m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tal-atturi u (b) li f'kull każ, l-azzjoni attriċi tressqet wara li kien għalaq iż-żmien li fih messha tressqet. Laqgħu ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar it-tieni mill-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li l-attur huwa Eġizzjan miżżewweġ mara Maltija u għandhom it-

[2] Paġ. 82 tal-proċess
[3] Paġ. 83 tal-proċess

tfal. Huwa ilu f'Malta mill-1999[4]. Fil-bidu tal-2006, l-attur flimkien ma' ħuh Khalil Ibrahim Gadalla Rezk (persuna b'passaport Malti), waqqfu u rreġistraw kumpannija f'Malta, bl-isem ta' Rocky & Co. Limited[5]. F'April tal-2006[6], l-attur inħariġlu permess mill-Korporazzjoni dwar l-Impieg u t-Taħriġ biex jaħdem f'Malta. Dak il-permess kien jibqa' jiswa sal-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara;

Ftit żmien wara, kien ingħata permess mid-Dipartiment tal-Immigrazzjon biex joqgħod f'Malta sakem idum fis-seħħ il-permess tax-xogħol[7]. F'Ġunju tal-2007, talba magħmula mill-kumpannija biex tkompli tħaddem lill-attur magħha wara d-data tal-għeluq tal-permess tiegħu kurrenti ma ntlaqgħetx[8]. F'Settembru tal-2007, l-attur kiseb mija u ħamsa u għoxrin (125) sehem ordinarju ieħor fl-imsemmija kumpannija mingħand Ibrahim Gadalla Rezk[9]. F'Jannar tal-2008, l-attur talab it-tiġdid tal-permess tax-xogħol mal-kumpannija, iżda fl-14 ta' Frar, 2008[10], it-talba ma ntlaqgħetx mill-Korporazzjoni dwar l-Impieg u t-Taħriġ. F'Mejju tal-2008[11], l-attur ressaq talba mal-imsemmija Korporazzjoni biex jingħata permess jaħdem bħala direttur u *manager* tal-imsemmija kumpannija;

Illi b'ittra tal-4 ta' Settembru, 2008[12], id-Direttur imħarrek bagħat jgħarraf lill-attur (bi tweġiba għal talba li kien għamel f'Marzu tal-2007) li ma kienx intitolat jibqa' jgħix f'Malta għat-tul, u li kien jista' jibqa' Malta biss sakemm jibqa' jiġġeddidlu l-permess li jista' jaħdem hawnhekk. F'dik l-ittra l-imħarrek għarraf lill-attur li, ladarba l-Korporazzjoni dwar l-Impieg u t-Taħriġ ma kenitx aċċettat li ġġeddidlu l-permess biex jibqa' jaħdem f'Malta, hu ma kienx jista' jibqa' aktar hawnhekk u li kellu jitlaq minn Malta għaliex kien immigrant projbit;

[4] Xhieda tiegħu 21.10.2010, f'paġ. 57 tal-proċess
[5] Dok "KS2", f'paġġ. 33 sa 50 tal-proċess
[6] Dok "KS5", f'paġġ. 53 – 4 tal-proċess
[7] Xhieda ta' Ermelinda Żahra 21.10.2010, f'paġ. 75 tal-proċess
[8] Dok "KS3", f'paġ. 51 tal-proċess
[9] Dok "KS2", f'paġ. 31 tal-proċess
[10] Dok "EZ3", f'paġ. 73 tal-proċess
[11] Dok "KS4", f'paġ. 52 tal-proċess
[12] Dok "AG2", f'paġ. 19 tal-proċess

Illi l-atturi baqgħu f'Malta u fit-3 ta' Novembru, 2008[13], id-Direttur imħarrek bagħat jgħarraf lill-attur li seta' jibqa' f'Malta sal-21 ta' dak ix-xahar u minnhemm 'il quddiem jitqies bħala immigrant ipprojbit. B'ittra oħra ta' ġimgħa wara[14], ittawwal iż-żmien sal-aħħar tax-xahar;

Illi fl-14 ta' April, 2009[15], bagħtu jinterpellaw lill-imħarrkin b'ittra uffiċjali biex jikkontestaw it-talba magħmula mid-Direttur imħarrek f'ittra tal-10 ta' Novembru, 2008, li biha ikkonferma l-ordni li huwa kien tahom bl-ittra tat-3 ta' Novembru, 2008, u talbuh jerġa' jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu. L-imħarrkin wieġbu b'ittra uffiċjali tal-24 ta' April, 2009[16], biex iwarrbu l-pretensjonijiet tal-atturi;

Illi l-atturi fetħu din il-kawża fit-22 ta' Ottubru tal-2009;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami jridu tabilfors jintrabtu mal-għażla tal-atturi li jressqu l-azzjoni tagħhom bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-eċċezzjoni taħt eżami tintrabat ma' dak li jgħid l-artikolu 469A(3) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u jitkellem dwar iż-żmien sa meta trid titressaq azzjoni bħal din biex tattakka f'waqtu l-għamil amministrativ li jkun;

Illi bl-imsemmija eċċezzjoni preliminari l-imħarrkin qegħdin jgħidu li l-atturi naqsu li jressqu l-kawża fi żmien sitt xhur minn mindu setgħu jmexxuha 'l quddiem, jiġifieri minn dak inhar li ttieħdet id-deċiżjoni li l-atturi jilmintaw minnha;

Illi huwa llum il-ġurnata stabilit, li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[17]. Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li

[13] Dok "EZ1", f'paġ. 71 tal-proċess
[14] Dok "EZ2", f'paġ. 72 tal-proċess
[15] Dok "KS1", f'paġ. 28 tal-proċess
[16] Dok "AĠ1", f'paġ. 17 tal-proċess
[17] Ara fost l-oħrajn, P.A. RCP **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Żammit vs Awtorita' tal-Ippjanar et*** (mhix pubblikata) ; P.A. RCP **5.4.2001** (in parte) fil-kawża fl-ismijiet ***David Crisp vs Korporazzjoni Telemalta*** (mhix pubblikata) ; u App. Ċiv. **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Zamboni et noe vs Direttur tal-Kuntratti et*** (Kollez. Vol : **LXXXVI.ii.313**)

jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għamil amministrattiv ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi. Fuq kollox, fil-kliem innifsu tal-liġi, dak iż-żmien ta' sitt xhur japplika għal dawk il-każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju li jirreferu għal egħmil amministrattiv li jkun *ultra vires*: ma japplikax fil-każ ta' stħarriġ ta' egħmil amministrattiv li jingħad li jikser il-Kostituzzjoni;

Illi l-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn għamil amministrativ issir taf b'dak l-għamil li jkun. Il-liġi ma tgħidx li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali miktub dwar id-deċiżjoni[18]: tgħid biss li ż-żmien ta' sitt xhur jibda jgħaddi minn dak inhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-għamil, liema data tiġi l-ewwel;

Illi, madankollu, jrid jingħad li taħt it-tifsira ta' "għamil amministrattiv", il-liġi tinkludi wkoll ir-rifjut għal talba. Ir-rifjut ma jgħoddx fih biss iċ-ċaħda ta' talba imma wkoll in-nuqqas ta' għoti ta' deċiżjoni sa ċertu żmien minn meta ssir talba. F'każ bħal dan, iż-żmien meta nuqqas ta' deċiżjoni jitqies bħala rifjut jibda jgħaddi minn dak inhar li talba tiġi notifikata lill-awtorita' li tkun, u jekk kemm-il darba din l-awtorita' tonqos li tagħti deċiżjoni sa żmien xahrejn minn dik in-notifika;

Illi fil-każ tal-lum, ma hemm l-ebda dubju li d-deċiżjoni attakata hija dik li biha l-attur intalab jitlaq minn Malta għaliex kien immigrant ipprojbit. F'dan kollu, l-attriċi m'hija milquta xejn għaliex id-deċiżjoni ttieħdet biss fir-rigward ta' żewġha u hija ċittadina Maltija li għaliha ma tgħoddx deċiżjoni bħal dik. Il-kwestjoni bejn il-partijiet – u li hija determinanti għas-soluzzjoni tal-eċċezzjoni taħt eżami – hija dwar meta tassew ittieħdet id-deċiżjoni. Filwaqt li għall-attur, id-deċiżjoni ttieħdet f'April tal-2009, għall-imħarrkin id-deċiżjoni kienet ittieħdet f'Settembru tal-2008;

Illi l-Qorti fliet sewwa l-provi mressqa u ssib li huwa minnu li d-deċiżjoni li ħa d-Direttur imħarrek ittieħdet f'Settembru

[18] Ara P.A. GV **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et***

tal-2008. Minkejja li b'ittri mibgħuta fil-bidu ta' Novembru, 2008, tawwal bi ftit jiem iż-żmien biex l-attur jitlaq minn Malta (milli jidher it-talba kienet saret biex jitħalla jagħlaq l-affarijiet pendenti li kien għad fadallu) baqa' ma bidilx id-deċiżjoni tiegħu li jibqa' jqis lill-attur bħala immigrant illegali li ma setax jibqa' f'Malta. F'kull każ, ukoll kieku wieħed kellu jqis l-ittri ta' Novembru bħala xi għamla ta' deċiżjonijiet ġodda, xorta waħda joħroġ li l-kawża tressqet tard ukoll li kieku wieħed kellu jkejjel ma' dawk id-dati. F'dan ir-rigward, is-sottomissjonijiet tal-imħarrkin fin-Nota tagħhom jidhru tajbin u jagħtu stampa fidila tal-fatti kif seħħew. L-attur jgħid li d-deċiżjoni fis-sewwa ttieħdet bit-tweġiba tal-imħarrkin bl-ittra uffiċjali tagħhom tal-24 ta' April, 2009. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Fl-ewwel lok, dak l-att ġudizzjarju kien biss tweġiba għall-ittra uffiċjali tal-istess mittenti tal-14 ta' April, 2009, li fiha jitlob għar-reviżjoni tad-deċiżjoni meħuda f'Novembru tal-2008. Dan ifisser li l-attur innifsu kien qiegħed jaċċetta li dawk ta' Novembru (li, bħalma ngħad, jirreferu għad-deċiżjoni milħuqa mid-Direttur imħarrek f'Settembru tal-2008), kien deċiżjonijiet impunjabbli. Kemm hu hekk, fl-ittra uffiċjali tiegħu saħansitra jgħid li dik id-deċiżjoni "(t)oħloq dritt għall-proċedura taħt il-469A tal-Kap 12". Fit-tieni lok, għall-finijiet ta' impunjazzjoni ta' għamil amministrativ, id-deċiżjoni jew l-għamil li jkun ma jistax jitqies li ttieħed meta l-parti mġarrba titlob reviżjoni jew ri-konsiderazzjoni, għaliex talba għal reviżjoni jew ri-konsiderazzjoni hija konferma li d-deċiżjoni tkun ittieħdet qabel u mhux stennija ta' xi deċiżjoni li għadha trid tittieħed. Fit-tielet lok, it-tweġiba mibgħuta lill-attur mill-imħarrkin bl-ittra uffiċjali tagħhom tal-24 ta' April, 2009, tenniet li ma kinux sejrin jibdlu d-deċiżjoni li kienet ittieħdet;

Illi dawn iċ-ċirkostanzi kollha juru li ż-żmien li l-atturi kellhom biex jattakkaw l-imsemmija deċiżjoni b'azzjoni speċjali taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 kien ilu li għalaq ħafna żmien qabel infetħet din il-kawża;

Illi għalhekk l-eċċezzjoni preliminari taħt eżami tirriżulta mistħoqqa u sejra tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni preliminari** u ssib li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex tressqet wara li kien għalaq iż-żmien li fih messha tressqet, u għalhekk teħles lill-imħarrkin milli joqogħdu iżjed fil-kawża **bi spejjeż għall-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------